MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 298/2010

**Banif Bank (Malta) PLC numru ta' registrazzjoni C 41030**

**Vs**

**Neil John Zammit KI 152376M**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' €5,320.67 (hamest elef, tlett mija u ghoxrin Euro u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti l-ammont dovut fuq is-self moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ai termini tas-Sanction Letter tat-3 ta' Settembru 2008, annessa u markata Dok A u li jikkoncerna il-loan account bin-numru 1013871 001 li l-konvenut ma' l-istess bank. Dan l-ammont jinkludi l-imghax li sat-18 t'Awissu 2010 kien

jammonta ghal erba’ mija, wiehed u sittin Euro u tlieta u disghin centezmu (€461.93). In oltre, dan l-ammont sar dovut lis-socjeta’ attrici stante li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fis-Sanction Letter, partikolarment izda mhux esklussivament – (a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility’;

Id-dettalji tas-somma komplessiva dovuta jidhru fil-bank statement, anness mar-rikors u markat Dok B.

Illi s-socjeta’ attrici interpellat lill-konvenut biex jhallasha permezz ta’zewgt ittri legali datati t-30 ta’ Jannar 2009 u t-16 ta’ Settembru 2009, ittra ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata t-23 ta’ Novembru 2009 u li ma gietx notifikata, kif ukoll ittra ufficjali datata s-16 t’April 2010 u li giet notifikata permezz tal-procedura a tenur ta’ l-artikolu 187 ta’ l-imsemmi Kap, 12, liema ittri huma annessi mar-rikors u markati Dok ( C), (D), (E) u (F). Mandankollu il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta mit-trattazjoni ta’ din il-kawza li s-socjeta’ attrici kienet kostretta tiftah.

Illi r-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici jafu bil-fatti personalment.

Bl-imghax skond l-ghola rata permessa mill-ligi mit-18 t’Awissu 2010 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez inklusi dawk ta’ zewgt ittri legali u zewgt ittri ufficjali msemmija aktar ‘l fuq u kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju nru prezentat mal-kawza.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tas-socjeta’ attrici kontra l-konvenut.

Rat id-dokumenti kollha annessi a fol 13 sa fol 17 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-konvenut guramentata minnu li biha ammetta it-talbiet attirci (fol 42 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motifvi il-Qorti tilqa t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €5320.67 bl-imghax legali skond l-ghola rata permesa mill-ligi, id-19 ta' Awissu 2010, sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali u ufficjali msemmijin fl-istess rikors u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-20 ta' Awissu 2010.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------